Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,618, 7 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 89 tal-2026

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Ministru responsabbli għall-ħarsien tal-infrastruttura kritika għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni taċ-Ċibersigurtà madwar l-Unjoni Ewropea (Malta), hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali". L.S. 460.41.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Bord Konsultattiv" għandha tiġi mħassra;

(b) it-tifsira "CSIRT" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "CSIRT" tfisser tim ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "CSIRT intern" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "CSIRT nazzjonali" tfisser it-tim nazzjonali ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters maħtur jew stabbilit skont l-artikolu 8;";

(d) it-tifsira "Direttur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għall-Intern responsabbli għad-Dipartiment tas-CIP;";

(e) it-tifsira "network tas-CSIRTs" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "network tas-CSIRTs" tfisser in-network ta'

CSIRTs nazzjonali stabbilit skont l-artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2555;";

(f) minnufih wara t-tifsira "korp maniġerjali" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat" tfisser il-Kumitat tal-Infurzar stabbilit skont l-artikolu 5;";

(g) it-tifsira "Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali taċ-Ċibersigurta'" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà" tfisser il-Kumitat kif stabbilit skont l-artikolu 15;".

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

3. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (17) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) l-att legali tal-Unjoni speċifiku għas-settur jipprovdi għal aċċess immedjat, fejn xieraq awtomatiku u dirett, għan-notifiki ta' inċidenti mis-CSIRTs, mid-Dipartiment tas-CIP jew fejn maħtura l-awtoritajiet kompetenti jew il-punti uniċi ta' kuntatt skont dan l-ordni u fejn ir-rekwiżiti għan-notifika ta' inċidenti sinifikanti jkunu tal-inqas ekwivalenti fl-effett għal dawk stabbiliti fl-artikoli 20(1) sa (6).".

Jemenda t-titolu tat-Taqsima II tal-ordni prinċipali.

4. It-titolu tat-Taqsima II tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bit-titolu ġdid li ġej:

"**TAQSIMA II – KUMITAT TAL-INFURZAR, DIPARTIMENT GĦALL-ĦARSIEN TAL-INFRASTRUTTURA KRITIKA U CSIRTs**".

Jissostitwixxi l-artikolu 5 tal-ordni prinċipali.

5. L-artikolu 5 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitat tal-Infurzar.

5. (1) Għandu jkun hemm kumitat magħruf bħala l-Kumitat tal-Infurzar, magħmul minn tali membri li għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi li jokkupaw pożizzjoni għolja u li jwettqu dmirijiet fil-ministeri responsabbli għal kwisjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà ta' entitajiet essenzjali u importanti, kif ukoll minn fost impjegati li jokkupaw pożizzjoni għolja fl-organizzazzjonijiet l-oħra li għandhom interess ewlieni fil-ġestjoni, it-tmexxija u l-kontroll taċ-ċibersigurtà f'entitajiet essenzjali jew importanti f'Malta:

Iżda l-Ministru jista' jaħtar bħala membri tal-Kumitat persuni oħra li jqis li għandhom l-esperjenza u li wrew kapaċità fi kwistjonijiet relatati maċ-ċiberreżiljenza ta' entitajiet essenzjali u importanti:

Iżda wkoll l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Ewwel u fit-Tieni Skeda, minbarra d-Dipartiment tas-CIP, jistgħu jaħtru persuna waħda (1) bħala r-rappreżentant tagħhom fil-Kumitat.

(2) Id-Direttur Ġenerali responsabbli għad-Dipartiment tas-CIP għandu jkun iċ-chairperson tal-Kumitat, id-Direttur ta' dan id-Dipartiment għandu jkun il-viċi chairperson, u rappreżentant ieħor minn dan id-Dipartiment għandu jaġixxi bħala s-segretarju tal-Kumitat. Iċ-chairperson, il-viċi chairperson u s-segretarju ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot. Il-viċi chairperson għandu jaġixxi minflok iċ-chairperson kull meta ċ-chairperson ikun assenti minn laqgħa tal-Kumitat jew għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi bħala chairperson .

(3) Il-membri maħtura għandhom iżommu l-kariga għal dak it-terminu, li ma għandux ikun ta' aktar minn tliet (3) snin, kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(4) Jekk jinħoloq xi post battal fil-Kumitat matul il-perjodu tal-ħatra, minħabba mewt, riżenja jew għal kwalunkwe raġuni oħra, il-Ministru għandu, malajr kemm jista' jkun, jaħtar persuna oħra sabiex timla l-post battal:

Iżda l-Kumitat u l-membri tiegħu jistgħu jaġixxu minkejja kwalunkwe tali post battal.

(5) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' f'kull waqt itemm il-ħatra ta' membru maħtur jekk, fl-opinjoni tiegħu, dak il-membru maħtur ma jkunx adattat sabiex ikompli fil-kariga jew ikun sar inkapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif jixraq.

(6) Il-Kumitat għandu jiltaqa' kemm-il darba jkun meħtieġ u għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.".

6. L-artikolu 6 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl- Jissostitwixxi l-artikolu 6 tal-ordni prinċipali.

artikolu ġdid li ġej:

"Funzjoni tal-Kumitat.

6. Għandu jkun id-dmir tal-Kumitat li joħroġ deċiżjonijiet fir-rigward tal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi skont l-artikoli 32, 33, 34 u 38.".

Jissostitwixxi l-artikolu 7 tal-ordni prinċipali.

7. L-artikolu 7 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Dipartiment għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika.

7. (1) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jkun l-awtorità superviżorja nazzjonali responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan l-ordni fil-livell nazzjonali u jiżgura l-konformità miegħu, jimplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-ordni u li jkopri s-setturi, sottosetturi u tipi ta' entitajiet elenkati fit-tabelli tal-Ewwel u t-Tieni Skeda:

Iżda bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali, id-Dipartiment tas-CIP għandu jkun responsabbli sabiex:

(a) jistabbilixxi l-kriterji għall-identifikazzjoni u l-ħatra ta' entitajiet essenzjali u importanti;

(b) bla ħsara għall-artikolu 26, jibni sħubija mal-operaturi ta' infrastrutturi ta' informazzjoni kritika għall-kondivizjoni ta' informazzjoni;

(ċ) jistabbilixxi mekkaniżmu nazzjonali ta' awtoreġistrazzjoni għal entitajiet essenzjali u importanti li jipprovdu servizzi f'Malta, għas-CSIRTs li jipprovdu servizzi ta' monitoraġġ fi ħdan tali entitajiet kif ukoll entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominju f'Malta, li għandhom jipprovdu informazzjoni skont l-artikolu 24(1);

(d) jistabbilixxi reġistru abbażi tal-paragrafu (h) u jirrevedi u, fejn xieraq, jaġġorna tali reġistru fuq bażi regolari u mill-inqas kull sentejn (2);

(e) jadotta strateġija dwar is-sigurtà tan-networks u s-sistemi tal-informazzjoni, kif dettaljat fl-Istrateġija Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà skont l-artikolu 15;

(f) jissorvelja u jinforza miżuri fuq is-CSIRTs kollha skont l-artikoli 29 u 30;

(g) jiġġestixxi ċentru intern tal-operati taċ-ċibersigurtà u CSIRT intern;

(h) jaġixxi bħala koordinatur għall-finijiet tad-divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltà skont l-artikolu 13(1); u

(i) jiżgura kooperazzjoni effettiva, effiċjenti u sigura fil-Grupp ta' Kooperazzjoni.

(2) L-Ewwel u t-Tieni Skedi jaħtru l-awtoritajiet kompetenti għal kull settur jew sottosettur u jistabbilixxu b'mod ċar il-kompiti ta' kull awtorità kompetenti kkonċernata. L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom jikkooperaw b'mod effettiv, taħt is-superviżjoni tad-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali, sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan l-ordni. L-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tad-Dipartiment tas-CIP l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa sabiex id-Dipartiment jiżgura l-konformità ma' dan l-ordni.

(3) Sakemm ma jkunx espressament provdut xort'oħra f'dan l-ordni jew fi kwalunkwe liġi oħra, u sakemm ma jkunx hemm awtorità kompetenti oħra maħtura responsabbli għas-settur, sottosettur jew tip ta' entità fl-Ewwel jew fit-Tieni Skeda, id-Dipartiment tas-CIP għandu jkun responsabbli:

(a) għall-identifikazzjoni u l-ħatra ta' entitajiet essenzjali u importanti;

(b) għall-identifikazzjoni tas-servizzi pprovduti minn entitajiet essenzjali u importanti;

(ċ) għall-iżgurar li l-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu minn entitajiet essenzjali u importanti;

(d) għall-iżgurar li l-pjanijiet tas-sigurtà tal-operaturi u l-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju jitfasslu u jinżammu minn entitajiet essenzjali u importanti;

(e) għall-istigazzjoni ta' simulazzjonijiet ta' pjanijiet ta' sigurtà tal-operaturi u pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju minn entitajiet essenzjali u importanti;

(f) għall-monitoraġġ tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà mwettqa minn entitajiet essenzjali u importanti skont l-artikolu 19;

(g) għall-monitoraġġ tal-obbligi ta' rappurtar meħuda minn entitajiet essenzjali u importanti skont l-artikolu 20; u

(h) għas-superviżjoni u l-infurzar ta' miżuri fuq entitajiet essenzjali u importanti, u fuq is-CSIRTs kollha skont l-artikoli 29 u 30:

Iżda d-Dipartiment tas-CIP għandu jitqies bħala debitament awtorizzat fit-twettiq ta' kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija hawn fuq skont l-artikolu 337Ċ(2) tal-Kodiċi Kriminali: Kap. 9.

Iżda wkoll skont l-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tista' tipparteċipa fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-attivitajiet superviżorji tagħha fir-rigward ta' entitajiet finanzjarji:

Iżda wkoll l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tista' titlob lid-Dipartiment tas-CIP sabiex jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' entitajiet essenzjali jew importanti, bil-kundizzjoni li dawn l-entitajiet ikunu nħatru skont dan l-ordni bħala fornituri ta' servizzi kritiċi tal-ICT minn partijiet terzi skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011:

Iżda wkoll id-Dipartiment tas-CIP għandu jeżerċita funzjoni ta' kollegament bħala punt uniku ta' kuntatt skont dan l-ordni, sabiex jiżgura l-kooperazzjoni transkonfinali tal-awtoritajiet Maltin mal-awtoritajiet rilevanti ta' Stati Membri oħra u, fejn xieraq, mal-Kummissjoni Ewropea u l-ENISA, kif ukoll sabiex jiżgura kooperazzjoni transsettorjali ma' awtoritajiet kompetenti oħra f'Malta:

Iżda wkoll is-CSIRT nazzjonali għandu jkollu aċċess għar-reġistru kif imfisser fl-artikolu 7(1)(d), kif miżmum u aġġornat mid-Dipartiment tas-CIP.

(4) Entitajiet essenzjali u importanti li jipprovdu servizzi f'Malta kif ukoll entitajiet li jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominju f'Malta għandhom jirreġistraw fuq il-mekkaniżmu nazzjonali ta' awtoreġistrazzjoni stabbilit mid-Dipartiment tas-CIP skont is-subartikolu (3)(h), u għandhom jipprovdu tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-entità;

(b) l-isem tas-CSIRT li jipprovdi servizzi ta' monitoraġġ lill-entità u jekk huwiex CSIRT intern jew awtonomu;

(ċ) l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt aġġornati, inklużi l-indirizzi tal-posta elettronika, il-firxiet tal-IP u n-numri tat-telefon;

(d) fejn applikabbli, is-settur u s-sottosettur rilevanti elenkati fl-Ewwel jew fit-Tieni Skeda; u

(e) fejn applikabbli, lista tal-Istati Membri fejn jiġu pprovduti servizzi li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-ordni.

(5) L-entitajiet essenzjali jew importanti għandhom javżaw lid-Dipartiment tas-CIP bi kwalunkwe bidla fid-dettalji sottomessi skont is-subartikolu (4) mingħajr dewmien u, fi kwalunkwe każ, fi żmien ġimagħtejn (2) mid-data tal-bidla.

(6) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jwettaq ukoll tali dmirijiet relatati u konsegwenzjali li l-Ministru jista' jiddelega minn żmien għal żmien.

(7) Id-Direttur Ġenerali jew id-delegat tiegħu għandu jirrappreżenta lid-Dipartiment tas-CIP fi kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji.".

Jemenda l-artikolu 8 tal-ordni prinċipali.

8. L-artikolu 8 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"CSIRT Nazzjonali.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "id-Dipartiment tas-CIP" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Aġenzija Maltija

għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kelma "Is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu minnufih wara l-kelma "Is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(e) fis-subartikolu (4) tiegħu minnufih wara l-kelma "is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali".

Jissostitwixxi l-artikolu 10 tal-ordni prinċipali.

9. L-artikolu 10 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Kompiti tas-CSIRT nazzjonali u tas-CSIRTs interni u awtonomi.

10. (1) Is-CSIRT nazzjonali għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

(a) il-monitoraġġ u l-analiżi tat-theddid, tal-vulnerabbiltajiet u tal-inċidenti ċibernetiċi u, fuq talba, l-għoti ta' assistenza lill-entitajiet essenzjali u importanti kkonċernati fir-rigward tal-monitoraġġ tan-network u s-sistemi ta' informazzjoni tagħhom f'ħin reali jew qrib il-ħin reali;

(b) l-għoti ta' twissijiet bikrija, allerti u avviżi u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni lill-entitajiet essenzjali u importanti kkonċernati kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti u partijiet interessati rilevanti oħra dwar theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti ċibernetiċi, jekk possibbli qrib il-ħin reali;

(ċ) ir-rispons għall-inċidenti u l-għoti ta' assistenza lill-entitajiet essenzjali u importanti kkonċernati, fejn applikabbli;

(d) il-ġbir u l-analiżi ta' data forensika u l-forniment ta' analiżi dinamika tar-riskji u tal-inċidenti u għarfien tas-sitwazzjoni fir-rigward taċ-ċibersigurtà;

(e) il-forniment, fuq talba ta' entità essenzjali jew importanti, ta' skennjar proattiv tan-network u s-sistemi ta' informazzjoni tal-entità kkonċernata sabiex jiġu identifikati vulnerabbiltajiet b'impatt sinifikanti potenzjali;

(f) il-parteċipazzjoni, bħala r-rappreżentant nazzjonali ewlieni, fin-network tas-CSIRTs u l-għoti ta' assistenza reċiproka skont il-kapaċitajiet u l-kompetenzi tagħhom lil membri oħra tan-network tas-CSIRTs fuq talba tagħhom, iżda d-Dipartiment tas-CIP jista' jipparteċipa fin-network tas-CSIRTs;

(g) il-kontribut għall-implimentazzjoni ta' għodod siguri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

(2) Is-CSIRT nazzjonali jista' jwettaq skennjar proattiv mhux intrużiv ta' networks u sistemi ta' informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku ta' entitajiet essenzjali u importanti. Tali skennjar għandu jitwettaq sabiex jiġu identifikati networks u sistemi ta' informazzjoni vulnerabbli jew b'konfigurazzjoni mhux sigura u jiġu infurmati l-entitajiet ikkonċernati u ma għandu jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-servizzi tal-entitajiet:

Iżda l-entitajiet essenzjali u importanti għandhom jiġu nnotifikati bil-miktub dwar l-iskennjar proattiv mhux intrużiv tan-networks u s-sistemi tal-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku tagħhom, u wara tali skennjar, għandhom jiġu nnotifikati bil-miktub dwar kwalunkwe network u sistemi ta' informazzjoni vulnerabbli jew b'konfigurazzjoni mhux sigura:

Iżda wkoll is-CSIRT nazzjonali għandu jitqies bħala debitament awtorizzat fit-twettiq ta' din il-miżura skont l-artikolu 337Ċ(2) tal-Kodiċi Kriminali: Kap. 9.

Iżda wkoll is-CSIRT nazzjonali għandu jinnotifika lid-Dipartiment tas-CIP u fejn maħtura, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, dwar l-assistenza, l-informazzjoni, l-iskennjar, ir-rispons għall-inċidenza jew servizzi oħra li għandhom jiġu pprovduti lill-entitajiet essenzjali u importanti skont kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Meta jwettaq il-kompiti msemmija fis-subartikolu (1), is-CSIRT nazzjonali jista' jipprijoritizza kompiti partikolari abbażi ta' approċċ imsejjes fuq ir-riskju.

(4) Is-CSIRT nazzjonali għandu jistabbilixxi relazzjonijiet ta' kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti fis-settur privat, bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi ta' dan l-ordni.

(5) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), is-CSIRT nazzjonali għandu jippromwovi l-adozzjoni u l-użu ta' prattiki komuni jew standardizzati, skemi ta' klassifikazzjoni u tassonomiji fir-rigward ta' proċeduri tat-trattament tal-inċidenti.

(6) Is-CSIRTs interni u awtonomi għandu jkollhom mill-inqas il-kompiti li ġejjin:

(a) il-monitoraġġ u l-analiżi tat-theddid, tal-vulnerabbiltajiet u tal-inċidenti ċibernetiċi tal-entitajiet essenzjali u importanti u l-għoti ta' monitoraġġ f'ħin reali jew qrib il-ħin reali tan-networks u s-sistemi tal-informazzjoni tagħhom;

(b) l-għoti ta' twissijiet bikrija, allerti, avviżi u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti ċibernetiċi, jekk possibbli qrib il-ħin reali lill-entitajiet essenzjali u importanti;

(ċ) ir-rispons għall-inċidenti u l-għoti ta' assistenza lill-entitajiet essenzjali u importanti;

(d) il-ġbir u l-analiżi ta' data forensika u l-forniment ta' analiżi dinamika tar-riskji u tal-inċidenti u għarfien tas-sitwazzjoni fir-rigward taċ-ċibersigurtà tal-entitajiet essenzjali u importanti;

(e) il-forniment, skennjar proattiv tan-network u s-sistemi ta' informazzjoni tal-entitajiet essenzjali u importanti sabiex jiġu identifikati vulnerabbiltajiet b'impatt sinifikanti potenzjali:

Iżda l-kompiti msemmija f'dan is-subartikolu għandhom jitwettqu minn CSIRTs interni u awtonomi li jipprovdu servizzi ta' monitoraġġ tas-CSIRT lil entitajiet essenzjali u importanti skont l-artikolu 19(1)(d).".

Jemenda l-artikolu 11 tal-ordni prinċipali.

10. Fl-artikolu 11 tal-ordni prinċipali l-kliem "lid-Dipartiment tas-CIP, u lis-CSIRT" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lid-Dipartiment tas-CIP, u lis-CSIRT nazzjonali u lill-awtoritajiet kompetenti maħtura".

Jemenda l-artikolu 12 tal-ordni prinċipali.

11. L-artikolu 12 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "Id-Dipartiment tas-CIP, is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Is-CSIRT nazzjonali għandu jirċievi notifiki ta' inċidenti sinifikanti skont l-artikolu 20 u inċidenti, theddid ċibernetiku u kważi inċidenti skont l-artikolu 27.";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minnufih wara l-kelma "Is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Id-Dipartiment tas-CIP, u fejn maħtura, l-awtorità kompetenti, u s-CSIRT nazzjonali għandhom jikkooperaw mal-Pulizija Eżekuttiva, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, id-Dipartiment tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni skont l-Att dwar Sigurtà fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili, id-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili skont l-Att dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni skont l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u r-Regolamenti dwar *Radio Equipment*, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skont ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) Nru 2016/1011, id-Dipartiment tas-CIP skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti taħt atti legali oħra tal-Unjoni speċifiċi għas-settur, f'Malta.";

Kap. 586.
Kap. 405.
Kap. 641.
Kap. 426.
Kap. 399.
L.S. 427.41.

(e) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Id-Dipartiment tas-CIP u s-CSIRT nazzjonali għandhom jiskambjaw informazzjoni rilevanti fuq bażi regolari, inkluż fir-rigward ta' inċidenti u theddid ċibernetiku rilevanti ma' awtoritajiet kompetenti taħt dan l-ordni.";

(f) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi mħassar.

B 682

Jissostitwixxi l-artikolu 13 tal-ordni prinċipali.

12. L-artikolu 13 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Divulgazzjoni koordinata tal-vulnerabbiltajiet.

13. (1) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jinħatar bħala koordinatur għall-finijiet tad-divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltajiet skont dan l-ordni:

Iżda d-Dipartiment tas-CIP għandu jinnotifika minnufih bil-miktub lis-CSIRT nazzjonali dwar kwalunkwe vulnerabbiltà rrappurtata lilu. Id-Dipartiment tas-CIP għandu jinnotifika minnufih bil-miktub lil kwalunkwe awtorità jew awtoritajiet kompetenti oħra maħtura, skont il-każ, bi kwalunkwe vulnerabbiltà rrappurtata lilu li jkollha impatt sinifikanti fuq il-forniment tas-servizzi pprovduti minn entità essenzjali jew importanti li tali awtorità tirregola.

(2) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jaġixxi bħala intermedjarju ta' fiduċja u jiffaċilita, fejn meħtieġ, l-interazzjoni bejn il-persuna fiżika jew ġuridika li tirrapporta u l-entità li tagħmel użu mill-prodotti tal-ICT, il-proċessi tal-ICT jew is-servizzi tal-ICT li jkunu potenzjalment vulnerabbli, fuq talba ta' waħda mill-partijiet.

(3) Il-kompiti tad-Dipartiment tas-CIP maħtur bħala koordinatur tad-divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltajiet għandhom jinkludu:

(a) l-adozzjoni ta' prattiki, skemi ta' klassifikazzjoni u tassonomiji komuni jew standardizzati;

(b) l-identifikazzjoni tal-entitajiet ikkonċernati u l-kuntatt magħhom;

(ċ) l-għoti ta' assistenza lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrappurtaw vulnerabbiltà;

(d) in-negozjar tal-iskedi ta' żmien għad-divulgazzjoni, u l-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet li jaffettwaw diversi entitajiet; u

(e) l-istabbiliment u ż-żamma ta' reġistru ta' politiki għad-divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltajiet.

(4) Kwalunkwe persuna għandha tkun tista' tirrapporta, b'mod anonimu, vulnerabbiltà lid-Dipartiment tas-CIP. Id-Dipartiment tas-CIP għandu jiżgura l-anonimità u l-kunfidenzjalità tal-persuni matul l-iżvelar tal-vulnerabbiltà.

(5) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jiżgura li titwettaq azzjoni ta' segwitu diliġenti fir-rigward tal-vulnerabbiltà rrappurtata.

(6) Fejn il-vulnerabbiltà rrappurtata jista' jkollha impatt sinifikanti fuq entitajiet f'aktar minn Stat Membru wieħed, is-CSIRT nazzjonali għandu, fejn xieraq, jikkoopera ma' CSIRTs oħra maħtura bħala koordinaturi fin-network tas-CSIRTs.

(7) Għall-finijiet ta' divulgazzjoni koordinata tal-vulnerabbilitajiet, il-persuna fiżika jew ġuridika li tirrapporta għandha titqies li tkun aġixxiet b'awtorizzazzjoni skont l-artikolu 337Ċ tal-Kodiċi Kriminali, sakemm il-persuna fiżika jew ġuridika li tirrapporta tikkonforma mal-politika ta' divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltajiet ta' tali entità.

Kap. 9.

(8) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jwettaq l-operati tekniċi strettament meħtieġa għall-karatterizzazzjoni tar-riskju jew it-theddida msemmija f'dan l-artikolu:

Iżda wkoll id-Dipartiment tas-CIP għandu jitqies bħala debitament awtorizzat fit-twettiq ta' din il-miżura skont l-artikolu 337Ċ(2) tal-Kodiċi Kriminali.".

Kap. 9.

13. L-artikolu 14 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda l-artikolu 14 tal-ordni prinċipali.

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura, l-awtorità kompetenti, għandhom japprovaw ħatra skont is-subartikolu (1), jekk l-awditur kwalifikat jissottometti talba motivata b'dokumentazzjoni ta' akkumpanjament lid-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura, l-awtorità kompetenti, li turi li huwa:

(a) indipendenti mill-entità essenzjali jew importanti li tkun qiegħda tiġi vverifikata, inkluż is-sottomissjoni ta' Dikjarazzjoni ta' Indipendenza kif determinat mid-Dipartiment tas-CIP;

(b) fil-pussess ta' dokumentazzjoni li tafferma verifika tal-isfond fuq l-imsemmi awditur maħruġa mill-awtorità kompetenti skont id-Direttiva (UE) 2022/2557;

(ċ) fil-pussess ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà Ewropea u, jew internazzjonali valida jew standard taċ-ċibersigurtà kif determinat mid-Dipartiment tas-CIP; u

(d) għandu esperjenza u sett ta' ħiliet kif determinat mid-Dipartiment tas-CIP.".

Jemenda l-artikolu 15 tal-ordni prinċipali.

14. Minnifih wara s-subartikolu (1) tal-artikolu 15 tal-ordni prinċipali għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1a) Il-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà għandu wkoll:

(a) jaġixxi bħala l-punt ta' referenza nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà fis-settur pubbliku, fis-settur privat u fil-pubbliku flimkien mal-entitajiet settorjali u implimentattivi rispettivi;

(b) jipprovdi rispons koordinat għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq talba taċ-Chairperson; u

(ċ) jipprovdi gwida dwar il-politika taċ-ċibersigurtà u kwistjonijiet tekniċi fuq talba tal-Ministeri u l-entitajiet.".

Iżid artikolu ġdid mal-ordni prinċipali.

15. Minnufih wara l-artikolu 15 tal-ordni prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà.

15A. (1) Il-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) is-Segretarju Permanenti Prinċipali jew id-delegat tiegħu;

(b) rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-affarijiet barranin;

(ċ) rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-intern;

(d) rappreżentant tal-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta;

(e) rappreżentant tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

(f) rappreżentant tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob;

(g) rappreżentant tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

(h) rappreżentant tal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta;

(i) rappreżentant tal-Awtorità tas-Sigurtà Nazzjonali;

(j) rappreżentant tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

(k) rappreżentant tal-Forzi Armati; u

(l) rappreżentant tad-Dipartiment tas-CIP.

(2) Il-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà jista', kull meta huwa jqis li jkun meħtieġ jew spedjenti, jingaġġa persuna waħda (1) jew aktar, li huwa jqis li għandhom l-għarfien espert u l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà xierqa, sabiex jgħinuh iwettaq kompiti speċifiċi li jeħtieġu tali għarfien espert.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà jista' jistabbilixxi wkoll sottokumitati li jiffukaw fuq oqsma speċifiċi u tematiċi sabiex jassistu lill-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà. Is-sottokumitati stabbiliti taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà għandhom joperaw internament u esklussivament fi ħdan il-mandat funzjonali tal-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà u ma għandux ikollhom setgħat awtonomi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm ma jkunux delegati espressament mill-imsemmi Kumitat.

(4) Iċ-Chairperson tal-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà għandu jkun is-Segretarju Permanenti Prinċipali jew id-delegat tiegħu.

(5) Il-Viċi Chairperson għandu jinħatar mis-Segretarju Permanenti Prinċipali minn fost il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà.

(6) Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà għandhom ikunu ppreseduti miċ-Chairperson, jew fin-nuqqas taċ-Chairperson, mill-Viċi Chairperson.

(7) Il-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà għandu jiltaqa' f'tali intervalli regolari u għandu mill-anqas, jiltaqa' darba kull xahrejn (2).

(8) Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà u l-esperti maħtura skont is-subartikolu (1) għandhom jittrattaw kwalunkwe informazzjoni miksuba fil-qadi ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet bħala parti mill-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà bħala kunfidenzjali.".

Jemenda l-artikolu 16 tal-ordni prinċipali.

16. L-artikolu 16 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-pjan għandu jistabbilixxi, b'mod partikolari:

(a) l-objettivi tal-miżuri u l-attivitajiet nazzjonali ta' tħejjija;

(b) l-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi inkluż il-kompiti u r-responsabbiltajiet;

(ċ) il-proċeduri għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi, inkluża l-integrazzjoni tagħhom fil-qafas nazzjonali ġenerali għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-mezzi tal-iskambju tal-informazzjoni;

(d) il-miżuri nazzjonali ta' tħejjija, inklużi l-eżerċizzji u l-attivitajiet ta' taħriġ;

(e) il-partijiet interessati pubbliċi u privati rilevanti u l-infrastruttura involuta;

(f) il-proċeduri u l-arranġamenti nazzjonali bejn l-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali rilevanti sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva ta' Malta fil-ġestjoni kkoordinata tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell tal-Unjoni; u

(g) il-prattiki, l-iskemi ta' klassifikazzjoni u t-tassonomiji komuni jew standardizzati li għandhom jintużaw fir-rigward tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi.";

(b) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Id-Dipartiment tas-CIP għandu jkun ir-rappreżentant nazzjonali ewlieni għall-finijiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi għan-network Ewropew għall-organizzazzjoni ta' kollegament għall-kriżijiet ċibernetiċi (EU CyCLONe) imwaqqaf skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Is-CSIRT nazzjonali jista' jipparteċipa wkoll fin-network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament għall-kriżijiet ċibernetiċi.".

17. Fl-artikolu 17 tal-ordni prinċipali minnufih wara l-kliem "mid-Dipartiment tas-CIP f'kooperazzjoni mas-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali". Jemenda l-artikolu 17 tal-ordni prinċipali.

18. L-artikolu 20 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artikolu 20 tal-ordni prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) L-entitajiet essenzjali u importanti għandhom jinnotifikaw minnufih lis-CSIRT nazzjonali dwar kwalunkwe inċident li jkollu impatt sinifikanti fuq il-forniment tas-servizzi tagħhom skont is-subartikolu (6):

Iżda s-sempliċi att tan-notifika ma għandux jissoġġetta lill-entità notifikata għal aktar responsabbiltà:

Iżda wkoll is-CSIRT nazzjonali għandu jinnotifika minnufih bil-miktub lid-Dipartiment tas-CIP u lil kwalunkwe awtorità kompetenti oħra maħtura, skont il-każ, bi kwalunkwe inċident li jkollu impatt sinifikanti fuq il-forniment tas-servizzi pprovduti minn entità essenzjali jew importanti li tali awtorità tirregola.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kliem "kwalunkwe informazzjoni li tippermetti lis-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(ċ) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Għall-fini tan-notifika skont is-subartikolu (1), l-entitajiet ikkonċernati għandhom jissottomettu lis-CSIRT nazzjonali:

(a) mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa minn meta jkunu saru jafu bl-inċident sinifikanti, twissija bikrija, li fejn applikabbli, għandha tindika jekk l-inċident sinifikanti huwiex issuspettat li ġie kkawżat minn atti illegali jew malizzjużi jew jistax ikollu impatt transfruntier;

B 688

(b) mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien tnejn u sebgħin (72) siegħa minn meta jsiru jafu bl-inċident sinifikanti, notifika tal-inċident, li fejn applikabbli, għandha taġġorna l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) u tindika valutazzjoni inizjali tal-inċident sinifikanti, inklużi s-severità u l-impatt tiegħu, kif ukoll fejn disponibbli, l-indikaturi ta' kompromess;

(ċ) fuq talba ta' CSIRT nazzjonali, rapport intermedju dwar l-aġġornamenti rilevanti tal-istatus;

(d) rapport finali mhux aktar tard minn xahar (1) wara s-sottomissjoni tan-notifika tal-inċident skont is-subartikolu (5)(b), li jinkludi dan li ġej:

(i) deskrizzjoni dettaljata tal-inċident, inklużi s-severità u l-impatt tiegħu;

(ii) it-tip ta' theddida jew kawża ewlenija li x'aktarx skattat l-inċident;

(iii) il-miżuri ta' mitigazzjoni applikati u li għadhom fis-seħħ;

(iv) fejn applikabbli, l-impatt transkonfinali tal-inċident;

(e) fil-każ ta' inċident li jkun għadu għaddej fiż-żmien tas-sottomissjoni tar-rapport finali msemmi fil-paragrafu (d), l-entitajiet ikkonċernati għandhom jipprovdu lis-CSIRT nazzjonali rapport ta' progress f'dak il-waqt u rapport finali fi żmien xahar (1) minn meta jkunu trattaw l-inċident.";

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu minnufih wara l-kliem "tas-servizzi fiduċjarji tiegħu, jinnotifika lis-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(e) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Is-CSIRT nazzjonali għandu jipprovdi, mingħajr dewmien żejjed u fejn ikun possibbli fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa minn meta jirċievi t-twissija bikrija msemmija fis-subartikolu (5)(a), rispons lill-entità notifikanti, inkluż feedback inizjali dwar l-inċident sinifikanti u, fuq talba tal-entità, gwida jew pariri operattivi

dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni:

Iżda meta s-CSIRT nazzjonali ma jkunx irriċevitur inizjali tan-notifika msemmija fis-subartikolu (1), il-gwida għandha tingħata mill-awtorità kompetenti maħtura f'kooperazzjoni mas-CSIRT nazzjonali. Is-CSIRT nazzjonali għandu jipprovdi appoġġ tekniku addizzjonali jekk l-entità kkonċernata titlob dan, diment li l-kapaċità teknika tkun disponibbli.";

(f) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Fejn ikun hemm suspett raġonevoli li l-inċident sinifikanti huwa reat kriminali, is-CSIRT nazzjonali, id-Dipartiment tas-CIP jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, għandhom jipprovdu wkoll gwida dwar irrappurtar tal-inċident sinifikanti lill-Pulizija Eżekuttiva.";

(g) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Fejn xieraq, u b'mod partikolari fejn l-inċident sinifikanti jikkonċerna lil Malta u tal-inqas Stat Membru ieħor, is-CSIRT nazzjonali, b'koordinazzjoni minn qabel mad-Dipartiment tas-CIP u fejn maħtura l-awtorità kompetenti, għandu jinforma, mingħajr dewmien żejjed, lill-Istat Membru l-ieħor affettwat u lill-ENISA dwar l-inċident sinifikanti u tali informazzjoni għandha tinkludi t-tip ta' informazzjoni riċevuta skont is-subartikolu (5):

Iżda meta jagħmel dan, is-CSIRT nazzjonali għandu, skont il-liġi nazzjonali u, jew il-liġi tal-Unjoni, iħares l-interessi tas-sigurtà u kummerċjali tal-entità kif ukoll il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta.";

(h) fis-subartikolu (10) tiegħu minnufih wara l-kliem "fl-interess pubbliku, is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(i) fis-subartikolu (11) tiegħu minnufih wara l-kliem "Mat-talba tas-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(j) fis-subartikolu (12) tiegħu minnufih wara l-kelma "Is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(k) fis-subartikolu (13) tiegħu minnufih wara l-kliem "jippreżenta lill-ENISA" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u lill-Kumitat ta' Tmexxija Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà".

Jemenda l-artikolu 26 tad-ordni prinċipali.

19. L-artikolu 26 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kelma "Is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kelma "Is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Is-CSIRT nazzjonali għandu jiffaċilita l-istabbiliment ta' arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà msemmija fis-subartikolu (2). Tali arranġamenti jistgħu jispeċifikaw l-elementi operazzjonali, inkluż l-użu ta' pjattaformi u għodod ta' awtomatizzazzjoni tal-ICT iddedikati, il-kontenut u l-kondizzjonijiet tal-arranġamenti tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni:

Iżda huwa u jistabbilixxi d-dettalji tal-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi f'tali arranġamenti, is-CSIRT nazzjonali jista' jimponi kondizzjonijiet dwar l-informazzjoni reża disponibbli minn kwalunkwe awtorità kompetenti jew mis-CSIRTs. Is-CSIRT nazzjonali għandu joffri assistenza għall-applikazzjoni ta' tali arranġamenti skont il-politiki tiegħu pprovduti fl-artikolu 15(3)(h).".

Jemenda l-artikolu 27 tal-ordni prinċipali.

20. L-artikolu 27 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "in-notifiki jistgħu jiġu ppreżentati lis-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kelma "Is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minnufih wara l-kliem "Fejn applikabbli, is-CSIRT" għandha tiġi miżjuda l-kelma "nazzjonali".

21. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 28 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Jemenda l-artikolu 28 tal-ordni prinċipali.

"(4) Bla ħsara għall-oqfsa leġislattivi u istituzzjonali nazzjonali għas-superviżjoni tal-konformità tal-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika ma' dan l-ordni u l-impożizzjoni ta' miżuri ta' infurzar fir-rigward tal-ksur ta' dan l-ordni, id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, għandhom iwettqu tali kompiti b'indipendenza operazzjonali mill-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li jkunu taħt superviżjoni:

Iżda l-miżuri tal-infurzar taħt l-artikolu 31(10)(a) u (b) ma għandhomx ikunu applikabbli għall-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika soġġetti għal dan l-ordni.".

22. L-artikolu 29 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artikolu 29 tal-ordni prinċipali.

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Ir-riżultati ta' kwalunkwe verifika tas-sigurtà fil-mira fis-subartikoli (2)(b) u (3), għandhom ikunu reżi disponibbli lid-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti. L-ispejjeż ta' tali verifika tas-sigurtà fil-mira mwettqa minn korp indipendenti għandhom jitħallsu mill-entità essenzjali vverifikata, ħlief f'każijiet debitament sostanzjati meta d-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti jiddeċiedu xort'oħra.";

(b) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) B'żieda mal-miżuri ta' infurzar fis-subartikolu (6)(a) sa (k), id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, jistgħu jitlobu l-impożizzjoni ta' penali amministrattiva mill-Kumitat, skont il-liġi nazzjonali skont l-artikolu 33.".

23. L-artikolu 30 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artikolu 30 tal-ordni prinċipali.

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Ir-riżultati ta' kwalunkwe verifika tas-sigurtà fil-mira għandhom ikunu disponibbli lid-Dipartiment tas-

CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti. L-ispejjeż ta' tali verifika tas-sigurtà fil-mira mwettqa minn korp indipendenti għandhom jitħallsu mill-entità essenzjali vverifikata, ħlief f'każijiet debitament sostanzjati meta d-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti jiddeċiedu xort'oħra.";

(b) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) B'żieda mal-miżuri ta' infurzar fis-subartikolu (6)(a) sa (j), id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, jistgħu jitlobu l-impożizzjoni ta' penali amministrattiva mill-Kumitat, skont il-liġi nazzjonali skont l-artikolu 33.".

Jemenda l-artikolu 31 tal-ordni prinċipali.

24. L-artikolu 31 tad-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (6), (7) u (8) tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (10) tiegħu, għajr għall-provisos, għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) jitolbu lill-korpi, lill-qrati jew lit-tribunali rilevanti, sabiex jipprojbixxu temporanjament lil kwalunkwe persuna fiżika li tkun responsabbli mit-twettiq tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni ta' kap eżekuttiv jew ta' rappreżentanza legali fl-entità essenzjali milli teżerċita funzjonijiet ta' ġestjoni f'tali entità essenzjali:".

Jemenda l-artikolu 32 tal-ordni prinċipali.

25. L-artikolu 32 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Fejn id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, jitolbu l-impożizzjoni ta' penali amministrattiva u fl-istess waqt, jiddeterminaw l-ammont tal-penali amministrattiva, għandha tingħata f'kull każ individwali, l-attenzjoni dovuta għall-elementi provduti fl-artikolu 31(8).";

(b) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi mħassar.

26. L-artikolu 33 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Jissostitwixxi l-artikolu 33 tal-ordni prinċipali.

"Setgħa tal-Kumitat tal-Infurzar li jimponi penali amministrattivi.

33. (1) Il-Kumitat tal-Infurzar għandu jkollu s-setgħa li jimponi penali amministrattivi stabbiliti b'dan l-ordni, fuq kwalunkwe entità rrappurtata mid-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, li ma tkunx konformi ma' dan l-ordni.

(2) Qabel ma jiddeċiedi dwar jekk entità hijiex konformi ma' dan l-ordni, il-Kumitat għandu jippermetti lill-entità tipprovdi dokumentazzjoni jew tagħmel sottomissjonijiet kif jidhirlu xieraq.

(3) Il-Kumitat jista', jekk iqis meħtieġ, jitlob aktar informazzjoni jew dokumentazzjoni mid-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura mill-awtorità kompetenti, jew mill-entità kkonċernata.

(4) Kull meta l-Kumitat jistabbilixxi li entità ma tkunx ikkonformat ma' dan l-ordni jew ma tkunx ħadet il-miżuri superviżorji jew ta' infurzar meħtieġa skont dan l-ordni, huwa għandu jimponi penali amministrattiva.

(5) Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kumitat għandu jindika l-ammont tal-penali amministrattiva u l-perjodu ta' żmien li fih l-entità kkonċernata għandha tħallas tali penali, kif ukoll il-perjodu ta' żmien li fih l-entità għandha tirrimedja l-ksur. Il-Kumitat għandu jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.".

27. L-artikolu 34 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artikolu 34 tal-ordni prinċipali.

(a) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) miżuri ta' infurzar fl-artikolu 29(6)(a) sa (k), l-artikolu 30(6)(a) sa (j) u l-artikolu 31(10);";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Kumitat għandu jinnotifika lill-entità kkonċernata dwar dan li ġej:

(a) il-penali amministrattiva li għandha tiġi imposta;

(b) ir-raġunijiet speċifiċi abbażi ta' liema għandha tiġi imposta l-penali amministrattiva;

(ċ) l-ammont tal-penali amministrattiva;

(d) il-perjodu ta' żmien li fih l-entità kkonċernata għandha tħallas il-penali amministrattiva:

Iżda l-perjodu ta' żmien imsemmi fl-artikolu 34(2)(d) għandu jkun ta' mhux aktar minn għoxrin (20) jum ta' xogħol jew mhux inqas minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tan-notifika tal-avviż.";

(ċ) is-subartikoli (3), (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

Iħassar l-artikolu 35 tal-ordni prinċipali.

28. L-artikolu 35 tal-ordni prinċipali għandu jiġi mħassar.

Iħassar l-artikolu 36 tal-ordni prinċipali.

29. L-artikolu 36 tal-ordni prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jemenda l-artikolu 37 tal-ordni prinċipali.

30. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 37 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Jekk il-persuna fiżika tinstab li tkun qiegħda tonqos mid-dmirijiet tagħha, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-entità essenzjali jew importanti ma' dan l-ordni, id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, jistgħu jipproċedu kontra tali persuna fiżika skont l-artikolu 31(10)(b).".

Jissostitwixxi l-artikolu 38 tal-ordni prinċipali.

31. L-artikolu 38 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Ħlasijiet ta' penali għal kull jum.

38. (1) Id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, jistgħu jitlobu l-impożizzjoni mill-Kumitat ta' pagamenti ta' penali amministrattivi għal kull jum fir-rigward ta' kull ksur li l-entità essenzjali jew importanti kkonċernata ripetutament tonqos milli twaqqaf u, jew tirrettifika skont deċiżjoni preċedenti tad-Dipartiment CIP, jew fejn tkun maħtura l-awtorità kompetenti.

(2) Il-ħlas ta' penali għal kull jum għandu jkun ta' mitt euro (€100) fir-rigward ta' kull ksur fit-termini tas-subartikolu (1), għal kull jum li matulu l-ksur jippersisti:

Iżda kwalunkwe ħlas ta' penali imposta għal kull jum jista' jiġi datat b'lura għad-data meta twettaq il-ksur jew skatta l-ksur.

(3) Meta jiddeċiedi dwar il-ħlasijiet ta' penali amministrattivi għal kull jum, il-Kumitat għandu jagħixxi skont l-artikoli 33 u 34.".

32. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 39 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Jemenda l-artikolu 39 tal-ordni prinċipali.

"(2) Jekk il-persuna fiżika tinstab li qiegħda tikser id-dmirijiet tagħha, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-entità essenzjali jew importanti ma' dan l-ordni, id-Dipartiment tas-CIP, jew fejn maħtura l-awtorità kompetenti, jistgħu jipproċedu kontra tali persuna fiżika skont l-artikolu 31(10)(b).".

33. L-artikolu 41 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Jissostitwixxi l-artikolu 41 tal-ordni prinċipali.

"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

41. (1) Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kumitat skont dan l-ordni tista' tiġi appellata fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tad-deċiżjoni permezz ta' rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

(2) Kwalunkwe parti fl-appell li tħossha aggravata b'deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tista', fuq kwistjoni ta' liġi, tappella minn tali deċiżjoni billi tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tali rikors għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

Kap. 12.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-penali amministrattivi stabbiliti b'dan l-ordni.".

Kap. 12.

34. L-artikolu 42 tal-ordni prinċipali għandu jiġi mħassar. Iħassar l-artikolu 42 tal-ordni prinċipali.

35. L-artikolu 43 tal-ordni prinċipali għandu jiġi mħassar. Iħassar l-artikolu 43 tal-ordni prinċipali.

36. L-Ewwel Skeda tal-ordni prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda l-ġdida li ġejja: Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda tal-ordni prinċipali.

B 696

L-EWWEL SKEDA

Setturi, Sottosetturi, Tipi ta' Entitajiet ta' Kritikalità Għolja u Awtoritajiet Kompetenti
(skont l-artikolu 4)

Settur	Sottosettur	Tip ta' entità	Awtorità/Awtoritajiet kompetenti
1. Enerġija	(a) Elettriku	(i) Impriżi tal-elettriku kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (57) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jwettqu l-funzjoni ta' "provvista" kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (12) tal-imsemmija Direttiva;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (29) tad-Direttiva (UE) 2019/944;	
		(iii) Operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (35) tad-Direttiva (UE) 2019/944;	
		(iv) Produtturi kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (38) tad-Direttiva (UE) 2019/944;	
		(v) Operaturi nominati tas-suq tal-elettriku kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (8) tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	
		(vi) Parteċipanti fis-suq kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (25) tar-Regolament (UE) 2019/943 li jipprovdu servizzi ta' aggregazzjoni, ta' rispons għad-domanda jew ta' ħażna tal-enerġija kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punti (18), (20) u (59) tad-Direttiva (UE) 2019/944;	
		(vii) Operaturi ta' punt tal-irriċarġjar li huma responsabbli għall-ġestjoni u l-operat ta' punt tal-irriċarġjar, li jipprovdi servizz tal-irriċarġjar lill-utenti finali, inkluż f'isem u għan-nom ta' fornitur ta' servizz ta' mobbiltà.	
	(b) Tisħin u tkessiħ distrettwali	(i) Operaturi ta' tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali kif imfissra fl- Artikolu 2, il-punt (19) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.

	(ċ) Żejt	(i) Operaturi ta' pipelines għat-trażmissjoni taż-żejt;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Operaturi tal-produzzjoni taż-żejt, tar-raffinar u faċilitajiet ta' trattament, ħażna u tat-trażmissjoni;	
		(iii) Entitajiet ċentrali ta' ħażna kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (f) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE.	
	(d) Gass	(i) Impriżi tal-fornitura kif imfissra fl- Artikolu 2, il-punt (8) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (6) tad-Direttiva 2009/73/KE;	
		(iii) Operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (4) tad-Direttiva 2009/73/KE;	
		(iv) Operaturi tas-sistema tal-ħżin kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (10) tad-Direttiva 2009/73/KE;	
		(v) Operaturi tas-sistema tal-LNG kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (12) tad-Direttiva 2009/73/KE;	
		(vi) Impriżi tal-gass naturali kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1) tad-Direttiva 2009/73/KE;	
		(vii) Operaturi ta' faċilitajiet tar-raffinar ta' gass naturali u faċilitajiet ta' trattament.	
	(e) L-idroġenu	(i) Operaturi tal-produzzjoni, tal-ħażna u tat-trażmissjoni tal-idroġenu.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
2. Trasport	(a) Ajru	(i) Trasportaturi bl-ajru kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (4) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 użati għal skopijiet kummerċjali;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Korpi ta' tmexxija tal-ajruport kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (2) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ajruporti kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1) tal-imsemmija Direttiva, inklużi l-ajruporti ewlenin elenkati fit-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u entitajiet li joperaw installazzjonijiet anċillari li jinsabu fl-ajruporti;	
		(iii) Operaturi għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku li jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (KTA) kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	

	(b) Ferrovija	(i) Maniġers tal-infrastruttura kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (2) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	Mhux applikabbli.
		(ii) Impriżi ferrovjarji kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva 2012/34/UE, inkluži operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (12) tal-imsemmija Direttiva.	
	(ċ) Ilma	(i) Kumpaniji għat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija fuq l-ilma fl-ilmijiet interni, marittimi u kostali, kif imfissra għat-trasport marittimu fl-Anness I tar-Regolament Nru 725/ 2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li ma jinkludux il-bastimenti individwali mħaddma minn dawk il-kumpaniji;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Korpi ta' tmexxija ta' portijiet kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (1) tad-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluži l-faċilitajiet tal-port tagħhom kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (11) tar- Regolament (KE) Nru 725/2004, u entitajiet li joperaw xogħlijiet u tagħmir fil-portijiet;	
		(iii) Operaturi ta' servizzi tat-traffiku tal-bastimenti (VTS) kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (o) tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	
	(d) Triq	(i) Awtoritajiet tat-toroq kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (12) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 responsabbli għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku, għajr l-entitajiet pubbliċi li għalihom il-ġestjoni tat-traffiku jew it-tħaddim ta' sistemi intelliġenti tat-trasport huma biss parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tagħhom;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Operaturi ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti kif imfissra fl-Artikolu 4, il-punt (1) tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	
	(e) Trasport pubbliku	(i) Operaturi tas-servizz pubbliku kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (d) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
3. Settur bankarju		(i) Istituzzjonijiet ta' kreditu kif mfissra fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.

4. Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji		(i) Operaturi ta' ċentri ta' negozjar kif imfissra fl-Artikolu 4, il-punt (1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Kontropartijiet ċentrali (CCPs) kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	
5. Saħħa		(i) Fornituri tal-kura tas-saħħa kif imfissra fl-Artikolu 3, il-punt (g) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Laboratorji ta' referenza tal-UE msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	
		(iii) Entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' prodotti mediċinali kif imfissra fl-Artikolu 1, il-punt (2) tad-Direttiva 2001/83/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	
		(iv) Entitajiet li jimmanifatturaw prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi msemmija fit-Taqsima Ċ, id-diviżjoni 21 tan-NACE Rev. 2;	
		(v) Entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi meqjusa kritiċi waqt emerġenza tas-saħħa pubblika, "lista ta' apparati kritiċi ta' emerġenza tas-saħħa pubblika", skont it-tifsira tal-Artikolu 22 tar- Regolament (UE) 2022/123 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	
		(vi) Entitajiet li għandhom awtorizzazzjoni ta' distribuzzjoni kif msemmi fl-Artikolu 79 tad-Direttiva 2001/83/KE.	
6. Ilma tax-xorb		(i) Fornituri u distributuri ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif imfissra fl-Artikolu 2, il-punt (1)(a) tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għajr id-distributuri li d-distribuzzjoni tagħhom tal-ilma għall-konsum mill-bniedem hi parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tagħhom ta' distribuzzjoni ta' komoditajiet u oġġetti oħrajn.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.

B 700

7. Ilma mormi		(i) Impriżi li jiġbru, jarmu jew jittrattaw ilma mormi urban, ilma mormi domestiku jew ilma mormi industrijali kif imfissra fl-Artikolu 2, tal-punti (1), (2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/ 271/ KEE għajr l-impriżi li għalihom il-ġbir, ir-rimi jew it-trattament ta' ilma mormi urban, ilma mormi domestiku jew ilma mormi industrijali huwa parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tagħhom.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
8. Infrastruttura diġitali		(i) Forniturі ta' punti ta' skambju fuq l-internet;	L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA).
		(ii) Forniturі ta' servizzi tad-DNS, għajr l-operaturi tar-root name servers;	
		(iii) Reġistraturi ta' isem TLD;	
		(iv) Forniturі ta' servizzi tal-cloud computing;	
		(v) Forniturі ta' servizzi ta' ċentri tad-data;	
		(vi) Forniturі ta' network tal-konsejna tal-kontenut;	
		(vii) Forniturі ta' servizzi fiduċjarji;	
		(viii) Forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;	
		(ix) Forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament.	
9. Ġestjoni tas-servizzi tal-ICT (minn negozju għal negozju)		(i) Forniturі ta' servizzi ġestiti;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) Forniturі ta' servizzi ta' sigurtà ġestiti.	
10. Amministr-azzjoni pubblika		(i) Entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika ta' gvernijiet ċentrali u fil-livell reġjonali kif imfissra minn Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali;	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
		(ii) L-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li jipprovdu servizzi tax-xandir u tat-trażmissjoni, jipprovdu servizzi essenzjali u ta' emerġenza, inklużi twissija dwar is-sikurezza pubblika, billi joffru xandiriet bir-radju u avviżi ta' emerġenza kemm f'format analogu kif ukoll f'format diġitali.	
11. Spazju		(i) Operaturi ta' infrastruttura terrestri, proprjetà tal-Istati Membri jew partijiet privati, u ġestita u operata mill-istess Stati Membri jew partijiet privati, li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi bbażati fl-ispazju, għajr forniturі ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika kif imfissra fl-Artikolu 2, tal-punt (8) tad-Direttiva (UE) 2018/1972.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.

37. It-Tieni Skeda tal-ordni prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja: Jissostitwixxi t-Tieni Skeda fl-ordni prinċipali.

IT-TIENI SKEDA

Setturi, Sottosetturi, Tipi ta' Entitajiet ta' Kritikalità Għolja u Awtoritajiet Kompetenti Oħra
(skont l-artikolu 4)

Settur	Sottosettur	Tip ta' entità	Awtorità/Awtoritajiet kompetenti
1. Servizzi postali u tal-kurrier		(i) Forniturі ta' servizzi postali kif imfissra fl-Artikolu 2, tal-punt (1a) tad-Direttiva 97/67/KE, inklużi forniturі ta' servizzi ta' kurrier.	L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA).
2. Immaniġġjar tal-iskart		(i) Impriżi li jwettqu l-immaniġġjar tal-iskart kif imfissra fl-Artikolu 3, tal-punt (9) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għajr impriżi li għalihom l-immaniġġjar tal-iskart mhux l-attività ekonomika prinċipali tagħhom.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
3. Manifattura, produzzjoni u distribuzzjoni ta' sustanzi kimiċi		(i) Impriżi li jwettqu l-manifattura ta' sustanzi u d-distribuzzjoni ta' sustanzi jew taħlitiet, kif imsemmija fl-Artikolu 3, tal-punt i(9) u (14) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u impriżi li jwettqu l-produzzjoni ta' oġġetti, kif imfissra fl-Artikolu 3, tal-punt (3) tal-imsemmi Regolament, minn sustanzi jew taħlitiet.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
4. Produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni ta' alimentari		(i) Negozji tal-ikel kif imfissra fl-Artikolu 3, tal-punt (2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill li huma involuti fid-distribuzzjoni bl-ingrossa u fil-produzzjoni u l-ipproċessar industrijali.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.

B 702

5. Manifattura	(a) Manifattura ta' apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*	(i) Entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi kif imfissra fl-Artikolu 2, tal-punt (1) tar-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* kif imfissra fl-Artikolu 2, tal-punt (2) tar-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għajr entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi msemmija fil-partita 5(v) tal-Ewwel Skeda	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.
	(b) Manifattura ta' prodotti għall-kompjuters, elettroniċi u ottiċi	(i) Impriżi li jwettqu kwalunkwe attività mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fit-Taqsima Ċ, id-diviżjoni 26 tan-NACE Rev. 2.	
	(ċ) Manifattura ta' tagħmir elettriku	(i) Impriżi li jwettqu kwalunkwe attività mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fit-Taqsima Ċ, id-diviżjoni 27 tan-NACE Rev. 2.	
	(d) Manifattura ta' makkinarju u tagħmir m.k.b.	(i) Impriżi li jwettqu kwalunkwe attività mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fit-Taqsima Ċ, id-diviżjoni 28 tan-NACE Rev. 2.	
	(e) Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers	(i) Impriżi li jwettqu kwalunkwe attività mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fit-Taqsima Ċ, id-diviżjoni 29 tan- NACE Rev. 2.	
	(f) Manifattura ta' tagħmir ieħor għat-trasport	(i) Impriżi li jwettqu kwalunkwe attività mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fit-Taqsima Ċ, id-diviżjoni 30 tan-NACE Rev. 2.	
6. Forniturи diġitali		(i) Forniturи ta' swieq online.	L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA).
		(ii) Forniturи ta' magni tat-tiftix online.	
		(iii) Forniturи ta' pjattaformi ta' servizzi ta' networking soċjali.	
7. Riċerka		(i) Organizzazzjonijiet ta' riċerka.	Id-Dipartiment tas-CIP bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali.